MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 205/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Louise Calleja)**

**Vs**
Lawrence Caruana

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-7 ta' Jannar, 2006, ghall-habta tal-12.00 p.m., gewwa r-residenza numru 10, Triq Karlu Darmanin, Kirkop, hedded lil mara tieghu Catherine Caruana bi kliem.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Mejju, 2006, li biha, wara li rat l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni kif dedotta w ikkundannatu ghal xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Gunju, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena, jew alternattivament, tilqa' l-appell limitatament ghal piena inflitta w tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi minflok tinfliggi piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti: 1. li l-appellant ma kienx assistit minn avukat ta' fiducja tieghu w ghalhekk kien fi zvantagg fil-konfront tal-*parte civile* li kienet assistita minn Avukat. 2. li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti w l-imputazzjoni ma gietx pruvata sodisfacentement sal-grad rikjest mill-ligi. 3. Il-piena fic-cirkostanzi hija wahda esagerata.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, esebita mill-Prosekuzzjoni, fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid.**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Settembru, 2006, li bih Dr. Barbara, ghall-Prosekuzzjoni, rrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti.**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ewwel aggravju hu ghal kollox infondat u hu addirittura frivolu w fieragh. Di fatti, kif gie verbalizzat**

**fis-seduta tat-23 ta' Mejju, 2006, quddieml-Ewwel Qorti :**

**"*Meta ssejhet il-kawza deher l-akkuzat li wara li gie mistoqsi mill-Qorti jekk iridx ikun assistit, <u>wiegeb li le</u>."(*Sottolinear ta' din il-Qorti.)**

**Illi hu minnu li l-artikolu 519 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li *"Hu dmir tal-qrati ta' gustizzja kriminali li jipprovdu ghad-difiza gusta ta' l-imputati jew akkuzati."* Pero', kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Dennis Pace" **(Deciza in parte fl-4 ta' Lulju, 2002), meta l-Ewwel Qorti staqsiet lill-appellant jekk riedx ikun assistit, hi kienet irrispettat il-vot tal-ligi w dak rikjest kemm mill-Kostituzzjoni kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar sa fejn id-dritt ghall-assistenza legali jwassal, specjalment fi proceduri sommarji. (Ara wkoll : App. Krim.** "Il-Pulizija . vs. J. Falzon" **[10.6.1994] u** "Il-Pulizija. vs. J. Caruana**" [1.11.1996]).**

L-imputat ghazel li jiddispensa mill-assistenza legali .

**Din il-Qorti kienet hemm irriteniet li jkun assurd li wiehed jippretendi li biex ikun garantit id-dritt ghall-assistenza legali, il-Qrati tal-Magistrati, anki fejn l-akkuzat fi proceduri sommarji jidher u jirrifjuta l-assistenza legali, Il-Qorti - KONTRA l-VOLONTA' DIKJARATA TIEGHU - toqghod tappuntalu avukat tal-ghajnuna legali. Meta wiehed iqis l-eluf ta' kawzi sommarji li jigu trattati kull sena quddiem il-Qrati tal-Magistrati, wiehed jara kemm hu impratikabbli li l-Magistrati ghal kull kaz bla avukat, iridu jinnominaw avukat jew jaghtu differiment biex forsi l-imputat fid-darba li jmiss jinkarika avukat! Id-drittijiet umani ghandhom jigu protetti w rispettati bla pero' ma jigu ridotti *"ad absurdum"* .**

**Fil-kaz in ezami, l-imputat appellant, bil-fatt li ddispensa minn assistenza legali w bir-rifjut li jkun assistit - minkejja li l-Ewwel Qorti tatu l-oportunita' li**

**jkun assistit legalment - gie irrrinunzja ghal dan id-dritt u ghazel, kif kellu id-dritt li jaghzel skond il-Kodici Kriminali li jaghmel id-difiza tieghu (Art. 374 (i) (ii) ; 375 (a) (c) u (e) u 458 (1) ).**

**Illi f'dan is-sens ukoll huwa l-insenjament tal-Kummissjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fejn fil-kaz ta' "**BIONDO vs. ITALY " **( No. 8821/79 , 64 DR 5 (1983) Com. Rep.; CM Res DH (89) 30) fejn intqal :**

***"It notes the existence of a system of legal aid in Italy which the applicant could have used***

***and that he had not used it or shown that he wished to. In these circumstances, he cannot***

***complain in respect of this part of the proceedings of a violation of Art. 6 para. (3) (c) of the Convention AS HE IS HIMSELF RESPONSIBLE FOR THE CONSEQUENCES OF FAILING TO EXERCISE A RIGHT."* (emfasi ta' din il-Qorti). (ara. ukoll X vs. United Kingdom D & R 21 (1981) P. 126 (130-132), fejn si trattava ta' kaz fejn l-akkuzat kien gie assenjat avukat tal-ghajnuna legali, imma MINHABBA L-KOMPORTAMENT TAL-ISTESS AKKUZAT, l-avukat tal-ghajnuna legali gie kostrett li jirrinunzja ghal patrocinju w l-Qorti mbaghad irrifjutat li tahtarlu avukat iehor .**

**Illi ghalkemm dan mhux kaz ta' nuqqas jew rifjut tal-Qorti li tahtar avukat tal-ghajnuna legali, japplika l-istess principju ta' awto-lezjonizmu da parti tal-appellant li meta deher quddiem l-Ewwel Qorti ghazel li ma jkunx assistit minn Avukat .**

**Illi dan zgur li mhux kaz fejn l-appellant kien expressament jew implicitament talab l-assistenza legali w din ma inghatatlux w allura ma japplikax dak li din il-Qorti rriteniet dwar kif irid jigi tutelat dan id-dritt, f' dawk ic-cirkostanzi fl-Appelli Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Bernard Grech**" [23.9.1998],** Il-Pulizija v. Michelina Apap." ***[26.6.1998],*** "Il-Pulizija vs. Brian Fenech" **[30.6.2004] u "**Il-Pulizija vs. Aldo Spiteri" **[15.7.2004].**

**Ghalhekk l-ewwel lanjanza tidher b'mod lampanti li hija frivola w vessatorja taht kull aspett.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti.Din il-Qorti semghet il-provi mill-gdid u dawn jistghu jigu ri-assunti hekk :-**

PS 1448 Victor Buttigieg **xehed li fis-7 ta' Jannar, 2006, ghall-habta ta' nofsinhar irceva rapport l-ghassa minn Catherine Caruana li waqt li kienet id-dar taghha, giet insultata mill-appellant zewgha. Hu kien mar ikellem lill-appellant li jaf li meta jisker jaghmel dawn l-affarijiet. Dak il-hin l-appellant deher li kien xurban. Kien jinxtamm u kellu riha ta' xorb u jaghmillu hekk b' rasu. L-attitudini tieghu w r-rejazzjoni tieghu kienu jindikaw li kien xurban. Meta staqsieh kienx hedded lil martu, cahad.**

Catherine Caruana **xehedet li din kienet okkazzjoni minn bosta ohrajn ghax l-appellant jabbuza mill-imbid u jkun hemm bidla fih. Mohhu ma jibqax jiffunzjona w jgerrfxilha familja. Hu jahdem bhala *beach cleaner* mall-Gvern u l-paga dejjem gabha. Mistoqsija biex heddidha fis-7 ta' Jannar, 2006, wiegbet testwalment :-**

***"U le iktar nibza r-reaction tieghu, ikun qiesu animal, jiena nhossni…" "Ma jkollu ebda arma f' idejh." "Arma f' idejh ma kellu qatt."***

Il-Qorti baqghet taghmel diversi tentattivi max-xhud biex tohrog minn ghandha kif jew biex heddidha dak in-nhar, izda ghall-ewwel ma hadet ebda risposta hlief allegazzjonijiet generici. Fl-ahhar pero' qalet :-

***"L-unika kliem li niftakar li hu jghidli: 'tghaddi minn taht idejja int' ."***

**L-appellant ma xehedx u fuq il-bazi tal-provi migbura minnha, din il-Qorti tara li l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata. Ghalhekk l-aggravju dwar is-sejbien ta’ htija qed jigi respint.**

**Ikkonsidrat;**

**Dwar il-piena, dejjem gie ritenut li l- principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara**. “Ir-Repubbkika ta’ Malta vs. David Vella” **[14.6.1999] ,** “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina” **[24.4.2003] u ohrajn.) F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi .**

Pero’ l-Qorti qed tosserva li f’ dawn il-kazijiet ta’ dissidju matrimonjali ta’ spiss qed jigri li wara li l-parti leza tirrikorri ghand il-Pulizija wara xi incident u jittiehdu passi bil-Qorti kontra l-hati w dan jigi sentenzjat ghal xi piena restrittiva tal-liberta’, tkun l-istess parti leza li, fl-istadju tal-appell, ikollha ripensament u titlob hi stess li s-sentenza tigi varjata. Hekk gara ukoll f’ dan il-kaz fejn Catherina Caruana fl-ahhar tad-depozizzjoni taghha quddiem din il-Qorti xehdet:-

*“Jien m’ghandix il-wicc niffaccja lil uliedi u nghidilhom id-daddy mar xahar habs. Tal-mishtija mhux sabiha.”*

**Mistoqsija tixtiequx imur il-habs, wiegbet : “*Jiena lir-ragel nixtiequ jmur minn hawn stess jibda’ l-programm . Ghandu bzonn dixxiplina ghax minn hemm gejja l-affari, nieqes mid-dixxiplina.”***

**Il-Qorti allura staqsieta : “*Jigifieri ma tixtiequx imur il-habs hux hekk?* “ u hi wiegbet :** *“Izgur li le. Irrid jimbidel.”*

**Il-Qorti hasset li kellha tiddiferixxi l-kawza biex tara jkunx hemm progress fil-komportament tal-appellant**

**fil-konfront ta’ martu, partikolarment f’ dak li jirrigwarda l-vizzju tax-xorb.**

Il-Qorti regghet semghet lil mart l-appellant fis-seduta tal-lum u rrizulta li ma kienx hemm ripetizzjoni tal-incidenti u li l-appellant diga’ pprova jiskrivi ruhu fi programm u qed jattendi “session” darba fil-gimgha.

Fic-cirkostanzi ghalhekk jidher li aktar mill-problema tat-theddid il-problema hija wahda konnessa mall-vizzju tax-xorb li ghandu l-appellant. Wara li tat widen ghall-appell ta’ mart l-appellant bhala l-parti leza u l-parti li trid ultimament tiffaccja l-konsegwenzi ta’ kollass totali taz-zwieg taghha, jekk l-appellant imur il-habs, u fl-interess tal-istess appellant li forsi ghad jista’ jigi ri-abilitat mill-vizzju tax-xorb, jidher li jkun aktar xieraq u opportun li minnflok is-sentenza ta’ xahar detenzjoni, din il-Qorti tapplika fil-konfront tieghu ordni ta’ probation kif ser jintqal hawn taht.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata u fil-waqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu, tirrevokaha fejn ikkundannatu ghal xahar detenzjoni w minnflok, stante c-cirkostanzi w x-xewqa tal-istess martu li l-appellant ma ghandux jintbaghat il-habs, u peress li din il-Qorti hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-appellant minn ufficjal tal-probation hija mixtieqa fl-interess li tigi assikurata r-riabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tax-xorb, minnflok il-kundanna ta’ xahar detenzjoni, qed taghmel ordni ta’ probation a tenur tal-art. 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta w tpoggi lill-appellant taht is-sorveljanza ta’ probation officer li jmissu t-turn ghall-periodu ta’ tlitt snin mill-lum, b’ dana li tul dan il-periodu l-appellant ikun irid jibda jattendi regolarment ghall-programm approvat mill-istess probation officer li jkun mahsub u idoneju biex l-appellant jigi ri-abilitat mill-vizzju tax-xorb u jibqa’ hekk jattendi sakemm dan il-programm jigi kompletat b’ success ghas-sodisfazzjon tal-istess probation officer, u li ma**

**jidholx go hwienet tax-xorb u ma jixrobx alkohol lanqas privatament.**

**Ghal dan il-ghan din il-Qorti qed tfisser car bi kliem li huwa ddikjara li fehem lill-appellant x' inhuma l-effetti ta' din l-ordni w li jekk hu jonqos milli jikkonforma ruhu ma din l-ordni w l-kondizzjonijiet annessi maghha, jew jaghmel xi reat iehor fil-periodu ta' tlitt snin mil-lum, hu jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali mertu ta' dan l-appell.**

**Kopja ta' din l-ordni ghandha tinghata minnufieh lill-appellant u lid-Direttur li jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-appellant li, f' kaz ta' nuqqas ta' osservanza ta' xi kondizzjoni imposta fuq l-appellant, irid minnufieh jinforma lil din il-Qorti b' tali nuqqas b' nota.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------